Story Changers: Enhancing Pupils' Social Skills and Enriching Teaching Methods Through Storytelling and Virtual Reality

| | |
|---|---|
| **Intellectual Output:** | **IO2** |
| **Intellectual Output Title:** | **Creation of the "You Tell" Stories and Relevant Guide** |
| **Activity:** | **A5** |
| **Activity Title:** | **Translation of "You Tell" Stories** |
| **Partner:** | **Apostolos Varnavas** |

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix approvazzjoni tal-kontenut, li jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.

## Coordinated by

Mediterranean Management Centre

## Partners

**Apostolos Varnavas Primary School**

| | |
|---|---|
| **Program:** | Erasmus+ |
| **Key Action:** | Cooperation for innovation and the exchange of good practices |
| **Project Title:** | Story Changers: enhancing pupils' social skills and enriching teaching methods through storytelling and virtual reality |
| **Project Acronym**: | Story Changers |
| **Project Agreement Number:** | 2020-1-CY01-KA201-066072 |
| **Project Start Date:** | 01/12/2020 |
| **Project End Date:** | 30/06/2023 |

# Indiċi tal-Kontenut


Titlu tal-Istorja ........ 3

Informazzjoni Bażika dwar l-Istorja ........ 3

- Tema Prinċipali ........ 3
- Tema Sekondarja ........ 3
- Riżultati tat-Tagħlim ........ 3
- Gruppi fil-Mira (Studenti) ........ 3
- Aktar Informazzjoni Relevanti ........ 3
  - Referenzi (jekk l-istorja tirreferi għal fatti reali, avvenimenti storiċi, etc.) ........ 3

Elementi Ewlenin tal-Istorja ........ 3

- L-Eroj Prinċipali ........ 3
- L-Isfond tal-Istorja ........ 4
- Sommarju ........ 4

Kontenut tal-Istorja ........ 4

- L-1 Punt Deċiżiv: ........ 6
- It-2 Punt Deċiżiv: ........ 7
- It-3 Punt Deċiżiv: ........ 8
- Ir-4 Punt Deċiżiv: ........ 10
- Il-5 Punt Deċiżiv: ........ 12

# Titlu tal-Istorja

Kika u Rixaħamra

# Informazzjoni Bażika dwar l-Istorja

## Tema Prinċipali

ĦBIBERIJA

## Tema Sekondarja

NIĠĠIELDU L-ISTERJOTIPI

## Riżultati tat-Tagħlim

- L-Istudenti jitgħallmu kif jgħinu lil ħbiebhom
- Kif isolvu l-konflitti tagħhom
- Jaċċettaw id-diversità
- Jgħarfu l-isterjotipi

## Gruppi fil-Mira (Studenti)

☒ L-1 u t-2 Sena tal-Iskola Primarja

☒ It-3 u r-4 Sena tal-Iskola Primarja

☐ Il-5 u s-6 Sena tal-Iskola Primarja

## Aktar Informazzjoni Relevanti

### Referenzi (jekk l-istorja tirreferi għal fatti reali, avvenimenti storiċi, etc.)

Mhemmx referenzi

# Elementi Ewlenin tal-Istorja

## L-Eroj Prinċipali

Kika , Rixaħamra, is-Sur Kikiriku

## L-Isfond tal-Istorja

Razzett ħdejn għalqa

## Sommarju

F'razzett kbir ħdejn għalqa kbira ħadra, ħafna tiġieġ kienu jgħixu bil-flieles tagħhom. Is-Sur Kikiriko huwa s-serduk iswed patrijarka tar-razzett li jżommhom kollha siguri. Kika u Rixaħamra kienu jaqsmu s-sigrieti u l-ħolm tagħhom u kienu jappoġġaw lil xulxin fi kwalunkwe diffikultajiet li jiffaċċjaw. Kika hija sabiħa ħafna u tixtieq issir żeffiena kbira. Rixaħamra hija goffa iżda għandha vuċi mill-aqwa u trid issir kantanta. Fir-razzett kulħadd jaħseb li dawn iż-żewġt iflieles huma strambi u jiddieħku bihom. Kika u Rixaħamra jridu jħallu kollox warajhom u jsegwu l-ħolm tagħhom. L-ewwel iridu jissaħħu u jegħlbu l-biżgħat tagħhom.

## Kontenut tal-Istorja

F'razzett kbir ħdejn għalqa kbira ħadra, ħafna tiġieġ kienu jgħixu bil-flieles tagħhom. Fl-għalqa kienu jikbru kull tip ta' fjuri u ħaxix frisk mill-aktar bnin. It-tiġieġ kienu jixtiequ joħorġu fl-għalqa, jirgħu liberalment!!! Ċint għoli bil-wajer kien iżżomm lit-tiġieġ milli joħorġu fl-għalqa. Fl-għalqa kien hemm il-periklu u l-ebda tiġieġa u speċjalment il-flieles ma kienu jitħallew joħorġu fl-għalqa, allavolja xtaqu ħafna jduqu l-ħaxix frisk. Dan kien jieħu ħsiebu Kikiriku, is-serduk patrijarka iswed bil-ġwienaħ ħodor dehbija. Kien jimxi b'mod imponenti ġewwa r-razzett u bil-ħarsa soda tiegħu kien josserva kollox. Kull meta kien iħoss xi theddida toqrob, tant kien jidden jgħajjat li mill-ewwel it-tiġieġ u l-flieles kollha kienu jinġabru fir-remissa. It-tiġieġ u l-flieles kollha kienu jafu li meta s-serduk kien jidden konstantament, kien ifisser li theddida kbira kienet qed toqrob, u għalhekk kellhom jitilqu jiġru.

F'dan ir-razzett it-tiġieġ kellhom ħolm kbir ... jew għall-inqas xi wħud minnhom kellhom ħolm kbir. Xi wħud kienu joħolmu li jitilqu mir-razzett u jsiru famużi. Kienu jemmnu li setgħu jaħarbu mid-destin tan-nanniet tagħhom li kienu biss ibidu bajd u għasafar. Hekk kienu jaħsbuha ż-żewġt iħbieb, Kika u Rixaħamra. Kika kienet sabiħa ħafna ... kienet tispikka bir-rix kannella u iswed jgħajjat u linja dehbija taħt għonqha, qisha ġiżirana. Mamà- Coco kienet issejjaħ lil bintha prinċipessa, għax fir-realtà prinċipessi biss setgħu jkollhom linja tad-deheb bħal dik taħt għonqhom. "Kika tiegħi", kienet tgħid lit-tiġieġ l-oħra, "hija destinata għal affarijiet kbar. Jum wieħed ssir famuża." Kika kienet tħobb iż-żfin. Ħafna drabi kienet tintilef u meta tinstab, kienet tkun qed iddur fuq sieq waħda. Tant kienet saret flessibli li rnexxielha anke tagħmel l-isplit. U Mamà Coco baqghet tiftahar b'bintha.... U l-ġirien baqgħu jitkellmu ħazin fuqha u ma kienux iqisuha bħala intelliġenti..... Imma Mamà-Coco ma tat każ ħadd minnhom... Kienet kburija b'Kika tagħha.

Rixaħamra kellha ġwienaħ kannella fl-aħmar. Rixaħamra kienet boċċa u goffa. Kien għalhekk li t-tiġieġ l-oħra kollha kienu jwaqqgħuha għaċ-ċajt għall-mixja mgħawġa tagħha....Hekk kif kienet titfixkel bil-mixja skomda tagħha, daqstant ieħor kienet titfixkel waqt il-qari... u l-flieles kollha tal-klassi kienu jiżżufjettaw biha.

Id-dar l-affarijiet ma kienux aħjar... Ħutha s-subien kienu jiddieħku biha talli kienet daqshekk goffa. Ommha kienet tirrabja magħha u tgħidilha li għandha tipprova aktar... Rixaħamra, kif kienet tisma' lil kulħadd jitkellem hekk dwarha, kienet tmur tistaħba u tibki fir-remissa... Kika wara nofsinhar kienet tgħin lil Rixaħamra, biex issir aħjar fil-qari u f'dawn l-aħħar jiem kienet għamlet ħafna progress. Rixaħamra, madankollu, kellha don kbir ... it-tqaqiq tagħha kien l-aktar ħelu fir-razzett kollu. Dan ma kien ikkontestat mill-ebda tiġieġa jew fellus. Kienet tagħmel eżerċizzji vokali kuljum u l-vuċi tagħha kienet saret qawwija daqs ta' sopran. "Fortunament għandek vuċi verament sabiħa, qalulha l-ġirien, għax kieku ..."

Kika u Rixaħamra kienu inseparabbli u flimkien kellhom ħafna ħolm. Kika kienet toħlom li ssir ballerina famuża u Rixaħamra, li ssir kantanta kbira. It-tiġieġ l-oħra ma tantx kienu jifhmuhom u kienu jikkunsidrawhom bħala boloh. Kien għalhekk li ma kienux joqogħdu magħhom , ġieli kienu jiġru warajhom u jiddieħku bihom, għax kienu jgħidu li ma jaqblux magħhom. Imma ma kienux jagħtu kas, għax kellhom lil xulxin. Kika u Rixaħamra kienu l-aqwa ħbieb. Kienu jaqsmu s-sigrieti tagħhom, il-ħolm tagħhom u kienu jappoġġjaw lil xulxin fi kwalunkwe diffikultajiet li jiffaċċjaw. Mhux hekk għandhom ikunu l-ħbieb?

Kull filgħodu, wara li jieklu l-kolazzjon tagħhom, il-flieles kienu jmorru l-iskola. Kienu joqogħdu f'linja wieħed wara l-ieħor u taħt l-osservazzjoni ta' Kikiriku kienu jimxu lejn l-iskola. Fi triqithom lejn l-iskola, Kikiriku kien jgħidilhom li għandhom jippruvaw isiru tiġieġ tajba. "Issirux ... tiġieġ żgħar li toqogħdu tparlaw dwar kollox u fuq l-oħrajn. Għandkom tifirxu ġwinħajkom u twettqu l-ħolm tagħkom. Eħilsu mill-istigma, li dawk li huma kodardi huma ... 'tiġieġ'". U dejjem kien jispiċċa bil-parir strett li l-ebda tiġieġa m'għandha toħroġ qatt miċ-ċint tar-razzett... It-tiġieġ kollha kienu josservaw il-parir ta' Kikiriku, iżda l-aktar li kienu jagħmlu hekk kienu Kika u Rixaħamra.

Illum Kika m'għandiex burdata tajba. M'għamlitx split waħda. Rixaħamra ndunat li Kika ma kinitx qiegħda sew .... "Jidher li se tkun waħda minn dawk il-ġranet"..ħasbet Rixaħamra. "Li kieku Kika ma kienx jitlagħlha daqshekk malajr kienet tkun l-aqwa tiġieġa!" ħasbet b'leħen għoli. .U meta kienet tirrabja kienet tgħidilha ħafna kliem iebes, kliem li kien iweġġagħha.Imma Rixaħamra kienet tħobb lil Kika għax kienet il-ħabiba tagħha. Rixaħamra ippruvat tersaq lejha, imma Kika qaltilha biex tħalliha waħedha. Qaltilha li ma tridiex aktar bħala ħabiba, li hi belha, mhix studenta tajba u li ma tridx toqgħod aktar magħha. Rixaħamra ma tafx x'għandha tagħmel... Ma tieħux gost meta jkellmuha b'manjiera ħażina .. imma Kika hija l-ħabiba tagħha ... Hi taħseb ...

## L-1 Punt Deċiżiv:

a) Li tħalli lil Kika u tmur toqgħod mal-flieles l-oħra fl-iskola. Wara kollox kulħadd għandu d-diffikultajiet tiegħu. Mhuwiex possibbli li ħabiba toffendi d-difetti tal-ħabiba tagħha...

b) Li tibqa' ma' Kika. Li taħfrilha peress li huma ħbieb u tgħidilha sabiex ma terġax tweġġagħha bi kliem bħal dak. Tispjegalha li ma tieħux gost meta tkeċċiha u tkellimha ħażin bla ebda raġuni...

*Jekk irrispondejt (a), mur f'paġna 7*

*Jekk irrispondejt (b) mur f'paġna 8*

Rixaħamra timxi lejn il-bitħa. Hija tara lil sħabha tal-klassi jilagħbu logħba flimkien. Tavviċinahom u tistaqsihom: "Nista' nilgħab magħkom ukoll?" Huma jkeċċuha. "Mur għand il-ħabiba tiegħek Kika, mhix dik il-ħabiba tiegħek?" Iddur u tara lil Kika bilqiegħda waħidha. Taħseb li hekk kellha tagħmel lil Kika mill-bidu, biex titgħallem ma tkellimhiex b'dak il-mod. Hija rrabjata ħafna magħha u mbagħad iddur b'mod deċiżiv u tgħid lill-oħrajn li Kika m'għandhiex karattru sabiħ u m'għadhiex ħabiba tagħha. Fil-fatt, hija taqsam is-sigriet ta' Kika magħhom. Tgħid lil kulħadd l-isem tas-serduk li tiffansja Kika. U mbagħad ilkoll jibdew jgħajtu ismu ritmikament: KA-NE-LIS. Kika tinfaqa' tibki u titlaq tiġri biex tistaħba. Rixaħamra għadha rrabjata ħafna, iżda meta rat lil Kika tibki waqfet taħseb... Kif għandha ġġib ruħha?

## It-2 Punt Deċiżiv:

a) Li titlob skuża lil Kika u jerġgħu jagħmlu ħbieb. Li tammetti li dak li għamlet kien ħażin u li ma kellhiex tikxef is-sigriet tagħha. Dak li għamlet juri li mhijiex ħabiba tajba u ta min jiftaħ qalbu magħha.

b) "Kika jistħoqqilha din l-imġieba?" Kienet qed taħseb. U kompliet b'ħafna rabja: “Tibki, irrid li hi wkoll tibki, ħa tifhem kif inħossni meta tweġġagħni bi kliemha... U mbagħad, tinsa kollox bħallikieku ma ġara xejn... Dan jagħmilni ħafna aktar irrabjata!!! Daqshekk! Qatt aktar... Xbajt nissaporti l-imgieba ħazina tagħha. Ġurnata tqisni bħala ħabiba u l-għada ma tridx taf bija. Issa għandi ħbieb ġodda ... mhux se noqgħod waħdi... "

*Jekk weġibt (a) mur paġna 11*

*Jekk weġibt (b) mur paġna 10*

Rixaħamra resqet lejn Kika.

- Għidtlek biex titlaq. Ma rridekx aktar bħala ħabiba tiegħi. Inti ħoxna u dejjem titfixkel f'saqajk u tħawwad fi kliemek ... qaltilha Kika.

Rixaħamra qagħdet tismagħha mingħajr ma qalet xejn. Ħarset lejha hi u tilmenta u f'daqqa waħda b'vuċi għolja qaltilha:

-Kika, inti l-ħabiba tiegħi, imma jien ma jogħġobniex dak li tagħmel. Ma nieħux gost meta tgħidli li jien ħoxna... u lanqas li nħawwad saqajja u kliemi. Dan mhux kliem li jgħiduh l-ħbieb lil xulxin, u lanqas mhu sew li tgħidu lil ħadd. L-għalliema tagħna qaltilna...

-Għidtlek li int m'intix il-ħabiba tiegħi. Ma rridekx bħala ħabiba tiegħi ... kompliet Kika b'kattiverja.

- U ejja Kika ... għidli jekk jogħġbok ... x'qed jiġrilek? Għaliex int imdejqa? X'qed jiġri verament? Għamiltlek xi ħaġa biex inweġġħek? Jekk għamiltlek xi ħaġa li ma nafx, irridek taħfirli ...

Kika ma tafx x'taqbad tagħmel ...

## It-3 Punt Deċiżiv:

a) Li tiskuża ruħha għall-attitudni tagħha. Fuq kollox Rixaħamra hija l-aqwa ħabiba tagħha. Magħha tista' titkellem dwar dak li qed jinkwetaha ...

b) Li jħalluha waħidha. M'għandhiex bżonn ħbieb. Ħadd ma jista' jifhimha ...

*Jekk irrispondejt (a) mur paġna 9*

*Jekk irrispondejt (b) mur paġna 12*

- "Rixaħamra, jiddispjaċini ... ma ttrattajtekx kif suppost u dan huwa inġust ħafna. Inti m'għandek tort ta' xejn. Għandek qalb kbira. Inti taħfer lil kulħadd. Imma jien xbajt bihom kollha hawn fir-razzett ... Irrid nitlaq... ħadd ma jifhimni, ħadd ma jemmen fina... Ilbieraħ kont irrabjata meta smajt lill-ġirien jiddieħku bik. U mbagħad smajthom jakkużawna t-tnejn ... li aħna stupidi u impertinenti... L-ilment tiegħi hu li lanqas int ma tifhem... Kulħadd jiddieħek bina fir-razzett, ma jemmnux li nistgħu nsiru dak li rridu.

Iriduna nkunu bħall-oħrajn kollha!!! "Tiġieġ" għal ħajjitna kollha! Nies li jużawna meta jridu jgħidu li xi ħadd hu kodard mhumiex żbaljati... Allura, tista' tifhem kif inħossni? Dan kollu jirrabjani... irrid nipprova nsir dak li noħlom bih .... biex insiru dak li noħlomu bih...

*Kompli għal paġna 12.*

Kika ma qalitx kelma fil-klassi. Għajnejha kienu ħomor bil-biki. U kollox kien qed idur f'moħħha bla waqfien. "Għalfejn Rixaħamra kixfet is-sigriet tagħha, u speċjalment lil dawk li kienu jidħku biha?" Dan ma kienx jagħmel sens f'moħħha. Waqt il-lezzjoni, Rixaħamra kienet qed tħares minn taħt lejn Kika. Sħabha kienu qed jitbissmu u jidħku biha. Rixaħamra ħasset uġigħ stramb fl-istonku tagħha.Ma kinitx tieħu gost tara lil Kika f'dak l-istat. Imma għal darb'oħra r-rabja għamitha."Hekk għandu jsir, biex tifhem kif iħossu ħaddieħor meta jweġġa'," ħasbet. "Jien ukoll bkejt ħafna meta qaltli li kont stupida u li ma kontx sejra tajba fil-klassi", kompliet taħseb.

Rixaħamra ma rrealizzatx meta daqqet il-qanpiena, tant kienet medhijha fil-ħsibijiet tagħha .... Hija malajr iltaqgħat u kompliet mal-ħbieb il-ġodda tagħha. Imma daret u ħarset biex tara fejn kienet Kika. Ma taraha mkien... Taraha mixja lejn iċ-ċint. Fejn sejra Kika? "Kika", għajtitilha, "fejn sejra?" Imma Kika ma wiġbet xejn. Hija tibqa mixja mingħajr ma tħares lura... U mbagħad ftakret li darba kienet qaltilha li kienet se titlaq mir-razzett.

Kif kienet sabet toqba fiċ-ċint u li minn hemm kienet titlaq ... Għalkemm bdiet tiġri disperatament ma rnexxilhiex tilħaqha ... saqajha jitfixklu u waqgħet għal wiċċha. Issa x'se tagħmel?

## Ir-4 Punt Deċiżiv:

(a) Tistaqsi lis-Sur Kikiriku għall-għajnuna? Kien perikoluż ħafna dak li għamlet Kika, li ħarġet waħdiha fl-għalqa
(b) Tmur tiġri tfittixha u tmur magħha? Ħadd m'għandu jabbanduna lil ħbieb anke jekk jaf li għandhom żball

*Jekk weġibt (a) mur paġna 14*

*Jekk weiġibt (b) mur paġna 12*

- Kika, jiddispjaċini ħafna! Naf li ma tridx tarani aktar .... issa li kxift is-sigriet tiegħek ma' ħaddieħor .... Naf li dak li għamilt ma jistax jinħafer, imma kont irrabjata għalik ... weġġajt ħafna bil-kliem li għidtli. Imma inti l-ħabiba tiegħi, l-aqwa ħabiba tiegħi u hekk ħa tkun għal dejjem. Terfani kull darba li nitħabbel f'saqajja... ma niflaħx narak daqshekk imdejqa.... U għal dan kollu, it-tort huwa tiegħi.

Mhuwiex it-tort tiegħek biss, Rixaħamra, kelli nispjegalek … nispjegalek dak li qed jiġrili...

*Sabiex issir taf x'aktar qalet lil Rixaħamra mur paġna 9*

Kika taqbad il-basket tagħha u taqsam il-bitħa tal-iskola. Hija taf fejn trid tmur. Il-ġimgħa li għaddiet rat toqba żgħira fiċ-ċint. Toqba żgħira ħafna iżda kienet kbira biżżejjed għaliha ... Aħjar titlaq mir-razzett. Ħadd mhu se jfittixha ....Lanqas Rixaħamra ... Irnexxielha tbegħedha 'l bogħod minnha ... Qaltilha ħafna affarijiet koroh. Qatt mhu se taħfrilha ....Ftakret fi kliem is-Sur Kikiriku li l-ebda tiġieġa ma għandha toħroġ 'il barra miċ-ċint waħidha... għax hemm il-periklu ... Imma ma kien jimpurtaha minn xejn... Ir-razzett ma kienx l-aħjar post għal xi ħadd li għandu ħolma x'jgħix! Aħjar tirriskja u titlaq... Almenu jkollha ċ-ċans tgħid li ppruvat... Meta poġġiet sieqha biex tgħaddi miċ-ċint, tisma' ħoss kbir warajha. Hija ddur u x'tara? Rixaħamra! Kienet mitfuha mal-art u nstema' ħoss qawwi...

- Rixaħamra! Int hawn? Qaltilha b'sorpriża.

-"Kika tiegħi, ħadt il-mogħdija l-qasira u wasalt qablek. Jien ġejja miegħek! Mhux se nħalli lil ħabibti titlaq waħidha fl-għalqa! Immorru nirrealizzaw il-ħolm tagħna flimkien ..."

Kika ġriet lejha u għannqitha. "Għalhekk inħobbok jien," qaltilha b'leħen ħelu, "għax int tant spontanja" ... u kompliet: "allura x'se tgħidli, ħa nitilqu?"

- "Tiftakar x'qalilna s-Sur Kikiriku? Hemm il-periklu fl-għalqa! Qed nibża! Imma miegħek nagħmel il-kuraġġ. Barra minn hekk, qatt ma rrid inħallik waħdek!"

- "Fejn int sejra, għażiża tiegħi?" Instema' l-leħen żorr tas-Sur Kikiriku. Is-Sur Kikiriku meta ra lil Rixaħamra tiġri, kien sorpriż u ġera warajha f'disperazzjoni.

Kika u Rixaħamra bdew jistaħbew f'ġwinħajhom ... kienu qed jitriegħdu ... qishom għasafar ...

Hekk kif rahom hekk, qalbu ħasset għalihom ... x'seta' jagħmel?

## Il-5 Punt Deċiżiv:

a) Li jħalli ż-żewġt iflieles imorru
b) Li jżomm iż-żewġt iflieles milli jitilqu? Wara kollox dan kien xogħlu, li jipproteġi t-tiġieġ kollha, it-tiġieġ u l-flieles …

*Jekk weġibt (a) mur għal paġna 15*

*Jekk weġibt (b) mur għal paġna 13*

"X'ħa nagħmel bikom?", qalilhom b'leħen żorr hekk kif dar lejhom

- "Irridu nitilqu! Issa kbirna ... Iridu nsiru dak li ilna noħolmu bih ... qaltlu Kika b'mod deċiżiv.

-"Għandna lil xulxin," qaltlu, "jien u Rixaħamra nagħmlu kuraġġ b'xulxin! Dejjem niftakru fi kliemek Sur Kikiriku, li hemm il-periklu fl-għalqa, imma flimkien nagħmlu l-kuraġġ ...

Hekk kif is-Sur Kikiriku sema' lil dawn iż-żewġt iflieles jitkellmu b'tant determinazzjoni xi ħaġa nbidlet fih ... Ma setax jemmen li tant kien hemm qawwa f'dawn iż-żewġt iflieles ċkejkna. Il-ħbiberija tagħhom kienet waħda soda ... Barra minn hekk kien osservahom fir-razzett, kemm kienu joffru sostenn lil xulxin meta kienu jiġu mwaqqgħa għaż-żufjett. Leħnu biddel t-tonalità:

-"Ninsab sorpriż bil-kliem tagħkom, ċkejknin tiegħi. Qed tħossukom kuraġġużi, iżda verament intom hekk? Il-periklu huwa wieħed kbir u intom m'għandkom esperjenza ta' xejn ... m'intomx lesti biex taqsmu l-għalqa..."

"L-għalqa dejjem se jkun fiha l-periklu, Sur Kikiriku," qaltlu Kika.

- "U se nkunu nistgħu niffaċjawhom," qaltlu b'mod deċiżiv Rixaħamra.

- "Eżatt kif qed tgħid, Rixaħamra! Se tkunu kuraġġużi ... fil-futur ... Issa ċkejknin tiegħi, mhuwiex il-waqt ... Meta tkunu lesti, imbagħad ifirxu ġwinħajkom! Ejja issa, lura l-iskola, qabel ma l-għalliema tiġi tfittixkom ... u qabel ma ommijitkom jibdew iwerżqu bin-niket. Meta tkunu lesti, niftħilkom il-bieb jien biex ittiru 'l barra sabiex tmorru tiġru wara l-ħolm tagħkom!!

- "Sur Kikiriku," bdiet tgħajjat b'nifisha maqtugħ Rixaħamra waqt li kienet qiegħda tiġri ... u saqajha u kliemha kienu konfużi. "Sur Kikiriku," kienet qiegħda tgħajjat u għal darba leħinha instema' aktar baxx milli sopran ...

- "X'ġara Rixaħamra? Qed terġa tipprattika l-vuċi tiegħek?"

- "Iġri Sur Kikiriko, Kika l-ħabiba tiegħi, tinsab fil-periklu!"

- "Qiegħda fil-periklu?" U minnufih ħares lejn l-għalqa u lejn is-sema! "Imma ma jien nara l-ebda periklu."

- "Kika qalet li sabet toqba fiċ-ċint Sur Kikiriku u ħa titlaq! Hemm il-periklu fl-għalqa!"

- Kikiriku qabad jidden kemm jiflaħ u immedjatament it-tiġieġ u l-flieles kollha ġrew lejn ir-remissa.

Kika kienet lesta biex titlaq mir-razzett. Qalba kienet qed tħabbat sitta sitta. Hekk kif tefgħet sieqha barra miċ-ċint semgħet lis-Sur Kikiriku. Issa qalbha bdiet tħabbat aktar! Waqfet u daret lura. 'Periklu' ħasbet u għalhekk anke hi ġriet lejn ir-remissa.

Hekk kif Rixaħamra ratha titfaċċa minn bejn is-siġar, ġriet lejha u għannqitha. "Kika tiegħi, inkwetajtni! Inti l-ħabiba tiegħi!, l-aqwa ħabiba tiegħi! Qatt ma nħallik tweġġa'!"

- "Irridu nitilqu! Issa kbirna ... Iridu nsiru dak li dejjem ħlomna ...", qalet Kika b'mod sod.

- "Għandna lil xulxin," żiedet Rixaħamra! "Flimkien it-tnejn li aħna kuraġġużi. Dejjem niftakru fil-kliem tiegħek, Sur Kikiriku, li fl-għalqa hemm il-periklu, imma flimkien nagħmlu l-kuraġġ ... nafu li m'għandna qatt nabbandunaw lil xulxin. Nafu wkoll kif għandna naffrontaw ċertu theddid.

Hekk kif is-Sur Kikiriku semagħhom jitkellmu b'mod tant determinat, xi ħaġa fih inbidlet ... Ma setax jemmen lil widnejh, li żewġt iflieles ċkejkna kellhom tant forza. Il-ħbiberija tagħhom kienet qawwija ... Barra minn hekk kien osservahom fir-razzett, kemm kienu jsostnu lil xulxin meta kienu jiddieħku bihom. Leħnu kien wieħed kalm:

- "Flieles ċkejknin tiegħi, tidhru li veru immaturajtu ... kliemkom huwa xiehda ta' dan ... Kemm jien kif ukoll it-tiġieġ l-oħra ninsabu konvinti li qed taħsbu b'mod matur. Naħseb li intom lesti li taqsmu l-għalqa u tmorru twettqu l-ħolm tagħkom... Ejja ħaffu, morru qabel ma nbiddel fehmti ... segwu l-mogħdija tal-margeriti. Hemm tkunu fis-sigur ...